MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 90/2014

**Donald Brincat (KI 604053M), fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tas-socjeta’ Brinx Limited**

**vs**

**Joseph (KI884052M) u Nadine (KI3690A) konjugi Bonnici**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk;

1. Illi l-kumpanija Brinx Limited, li taghha huwa direttur, hija propjetarja tal-fond ta’ bini fil-livell tat-triq formanti parti minn blokk ta’ bini bl-isem ta’ Bellavista Court B, sitwat fi Triq Bellavista, San Gwann, Malta, liema fond huwa tal-kejl ta’ cirka mitejn u tmenin metru kwadru (280 m.k.) u ma ghandu l-ebda numru ufficjali;

2. Illi l-kumpanija Brinx Limited kienet tikri dan il-fond lill-intimati ghall-perjodu ta’ hmistax (15)-il sena, liema perjodu beda jiddekorri mit-tmintax (18) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) u ntemm fit-tmintax (18) ta’ Jannar tas-sena kurrenti (2014). Dan ai termini ta’ skrittura privata maghmula bejn il-partijiet, datata it-tmintax (18) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999), kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dokument A’;

3. Illi wara l-iskadenza tal-kirja fid-data fuq imsemmija, l-intimati baqghu ma vvakawx l-entratura tal-garage komuni, ghal liema, ai termini tal-iskrittura privata fuq imsemmija, huma kellhom dritt ta’ access tul il-perjodu tal-kirja. Fil-fatt, sal-lum il-gurnata, u minkejja l-ghadd ta’ interpellazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-intimati, din il-parti komuni, flimkien mal-ispazju riservat ghall-parkegg (liema spazju, ai termini tal-iskrittura privata fuq imsemmija, kellu jkun riservat biss ghall-finijiet ta’ parkegg) ghadha ingombrata b’materjal u oggetti propjeta’ tal-intimati, u dan meta l-istess intimati huma privi minn kwalsiasi titolu validu fil-ligi;

4. Illi dan ir-rikors qieghed isir u qieghed jigi kkonfermat bil-gurament minn Donald Brincat, li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti illi taw lok ghal din il-kawza;

5. Illi jinkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi, safejn jaf ir-rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x’iressqu kontra t-talbiet odjerni.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati, ghaliex dan l-Onorabbli Bord m’ghandux:-

1. Jaqta’ u jiddeciedi l-kawza u jipprocedi skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Jiddikjara illi l-kirja favur l-intimati, tal-fond ta’ bini fil-livell tat-triq, formanti parti minn blokk ta’ bini bl-isem ta’ Bellavista Court B, sitwat fi Triq Bellavista, San Gwann Malta, liema fond huwa tal-kejl ta’ cirka mitejn u tmenin metru kwadru (280 m.k.) u ma ghandu l-ebda numru ufficjali, illum intemmet u l-intimati ma fadlilhom l-ebda dritt jibqghu jokkupaw dan il-fond.

3. Konsegwentement jordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Bord joghgbu jipprefiggu, jirrilaxxaw il-pussess u jizgombraw mill-fond ta’ bini fil-livell tat-triq, formanti parti minn blokk ta’ bini bl-isem ta’ Bellavista Court B, sitwat fi Triq Bellavista, San Gwann, Malta u dan prevja kull provvediment li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun;

4. Jiddikjara illi s-socjeta' Brinx Limited sofriet danni per konsegwenza tal-okkupazzjoni abbuziva, illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

5. Jikkundanna lill-intimati jhallsu l-kera dovuta mid-data tal-iskadenza tal-kirja sad-data meta l-fond jigi vvakat, flimkien mad-danni kollha sofferti mis-socjeta' Brinx Limited.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li qeghdin jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

Ra illi l-intimati debitament notifikati baqghu ma dehrux biex jikkontestaw t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi l-intimati intavolaw risposta wara n-notifika lilhom tar-rikors promutur izda l-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni taghha stante li din ma setghetx tkun hekk prezentata qabel mal-Bord jawtorizza l-istess wara li jkun semgha lill-parti u ddikjara li hemm ragunijiet skond il-ligi ghal-kontestazzjoni tal-kawza;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentati tal-fatti minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimati ma ghandhom l-ebda opposizzjoni x'jista' jaghmlu skond il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta;

L-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------